31979D0195

20.2.1979 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 43/13

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-21 ta' Diċembru 1978
## li għandha x'taqsam mal-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, L-Istati Membri u l-Assoċjazzjoni ta' L-Iżvilupp Internazzjonali

(79/195/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u l-Assoċjazzjoni ta' L-Iżvilupp Internazzjonali, fuq in-naħa l-oħra, iffirmat f'Brussel fit-2 ta' Mejju 1978, għandu jiġi konkluż,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, L-Istati Membri u l-Assoċjazzjoni ta' L-Iżvilupp Internazzjonali hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim għandu jkun anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Approvazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tkun notifikata bi qbil ma' Taqsima 2 ta' l-Artikolu V ta' dan il-Ftehim [1].

*Artikolu 3*

Din id-Deċizjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1978.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Otto GRAFLAMBSDORFF

---

(1) Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ, bi qbil ma' Titolu V, l-Artikolu 3 tiegħu, fl-1 ta' Jannar 1979